**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Reuben Boyce**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Reuben Boyce** ta' 46 sena, iben Geoffrey u Maria Lourdes nee' Schembri, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Mejju 1972, residenti fil-fond nru 11, 'Shamrock', Triq Kalang Bugeja, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 314372M.

Akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Awwissu 2018, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00hrs), gewwa Triq San Pawl, Safi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq **PC733 Leander Spiteri**, persuna inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel

jew minħabba li kien għamel dan is- servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. U aktar talli fl'istess data, hin, lok u cirkustanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-ufficjal tal-pulizija, **PC733 Leander Spiteri** persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

3. Talli fl'istess data, hin, lok u cirkustanzi, kkaguna offizi ta' feriti ta' natura hafifa, fuq il-persuni ta' **PC733 Leander Spiteri**, persuna inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, hekk kif iccertifikat minn **Dr. Anthony Mifsud** (Reg. Med. Nru. 1732) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid,

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' dawk li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, u cioe **WPS313 Christine Micallef, PC733 Leander Spiteri** u **PC1193 Ryan Zammit** jew ma ħallhiex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-ligi.

5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza' f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien f'sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu innifsu.

6. U fl-ahhar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza' volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Illi f'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba li titratta mal-imputat bhala persuna recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi fil-mori tal-kaz tipprovdi ghas-sigurta ta' PC 733 Leander Spiteri u/jew familjari tieghu jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-

persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383 *et seqitur* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuni [sic] hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat **Reuben Boyce**, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal proceduri odjerni huma s-segwenti:

1. Fil-25 ta' Awwisu 2018 ghal habta tas-2.30a.m., WPS 313 Christine Micallef marret flimkien ma' PC 733, PC 1193 u PC 640 biex tordna lill-Kumitat tal-Kazin ta' San Pawl ta' Hal-Saf sabiex jitfu l-muzika, li kienet qed tindaqq peress li kienet il-festa tar-rahal.

2. Il-kumitat oggezzjona li jobdi l-ordni ghax ried estensjoni tal-hin, u ghal xi raguni inqalghet glieda bejn uhud minnhom fit-triq. Il-Pulizija marru biex iferrquhom, kif ukoll marru xi nies ohra biex iferrquhom. B'kollox jidher li kien hemm madwar tletin (30) mir-ruh u erba' pulizija biex jikkontrollawhom.

3. PC 733 Leander Spiteri jallega li kif hu irnexxielu jifred tnejn min-nies, u dar, ra ragel liebes iswed li tah daqqa ta' ponn fuq il-hanek in-naha tax-xellug. Bid-daqqa waqghalu n-nuccalli u l-kappell.

4. PC 733 Spiteri staqsa lil PC 1193 Ryan Zammit sabiex isiblu n-nuccali. Kif sablu n-nuccali, PC 733 Spiteri mar fuq WPS 313 Micallef, u infurmaha bl-akkadut, u marru jduru fil-pjazza u PC 733 identifika lir-ragel li tah daqqa ta' ponn. Ir-ragel identifikat huwa l-imputat.

5. WPS 313 Micallef tghid li meta hi u PC 733 Spiteri marru jkellmuh, l-imputat kien aggressiv, u beda jghid il-kliem *"lin-nies tar-rahal hadd ma jmisshom."* Ghalhekk WPS 313 talbet l-assistenza tal-Pulizija tal-Ghassa taz-Zurrieq, u nizlu lill-imputat l-ghassa.

6. Dak in-nhar stess fit-3.30a.m., it-tabib Dottor Anthony Mifsud iccertifika li PC 733 kellu *"contusion left cheek"*, li kienet ta' natura hafifa.

*<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Offiza fuq Ufficjal tal-Pubbliku</u>*

Fil-kawza odjerna m'hux kontest li PC 733 Leander Spiteri qala daqqa ta' ponn f'dan l-incident. Dak li hu kontestat jekk kienx effettivament l-imputat li tah din id-daqqa ta' ponn.

Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami PC 733 Leander Spiteri jghid b'mod car li *"jien f'dak il-hin il-ponn rajt l-ewwel, imma r-ragel gharaftu."* Meta gie suggerit lilu mill-avukat difensur li hu ikkonvinca ruhu li kien l-imputat li tah id-daqqa ta' ponn minhabba li l-imputat kien liebes flok iswed, PC 733 insista li *"il-wicc ngharfu, il-wicc gharaftu"*. Hu xehed ukoll li qabel qala' d-daqqa ta' ponn, hu kien dar u l-imputat rah quddiemu, mill-faccata.[1]

Ix-xhieda ta' PC 733 hija korroborata minn dik ta' WPS Christine Micallef li xehdet li waqt li hija kienet qed izzomm guvni, li ried imur jahbat ghal xi nies, dahru mal-hajt, flimkien ma xi nies pajzana, harset lura u rat persuna bi flok iswed itajjar il-beritta ta' PC 733.[2]

---

[1] Ara fol. 59 tal-process.
[2] Ara fol. 74-75 tal-process.

PC 1193 Ryan Zammit xehed li PC 733 qallu xi gralu u jekk rax in-nuccali tieghu u PC 640 Silvan Camilleri xehed li ra lil PC 733 mal-art ifittex in-nuccali, pero hadd minnhom ma ra l-akkadut.

Fl-istqarrija tieghu – fejn kien assistit mill-avukat difensur tieghu - l-imputat jinnega li hu ta daqqa ta' ponn lil PC 733. Fl-stqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk *"Jien naf li kont ftit il-boghod mill-kazin ta' San Pawl, kien hemm il-Pulizija jitkellmu maz-zghazugh mal-art u meta mort biex nimbotta dan iz-zaghzugh biex inressqu iz-zaghzagh lura u jien imbuttajt il-pulizija biex nigbed iz-zghazugh. Jien ressaqtu minn idejh lill-Pulizija."* Frankament, din il-Qorti mhix kapaci tifhem x'ried jghid l-imputat b'dan il-kliem. Pero, b'dan il-kliem, l-imputat ammetta li ghall-inqas imbotta pulizija biex jigbed zghazugh li hu jallega kien mal-art u li kien qed jigi mitkellem mill-Pulizija. Pero anke din il-verzjoni tal-fatti tal-imputat, la taghmel xi forma ta' sens logiku, u lanqas hi kredibbli.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-imputat jirrileva li ghalkemm fir-rapport PIRS hemm indikat li s-Surgent 1433 kien informa lill-imputat bid-drittijiet legali tieghu, u l-imputat irrifjuta li jkellem avukat, ma ngab l-ebda dokument li jindika tali rifjut. Huwa jghid li qed jissottolinea dan il-fatt biex din il-Qorti tevalwa x'tip ta' investigazzjoni saret u l-livell taghha. Dak li rrileva l-imputat huwa minnu, u jista' jkun li sar zball fir-redazzjoni tal-PIRS, kif jista' jkun ukoll li kien hemm element ta' traskuragni mill-Prosekuzjoni sabiex tressaq il-provi fir-rigward f'dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz *quod non est in actis non est in mundis.* Pero dan il-fatt ma jista' jkun tal-ebda komfort ghalih, jekk kemm-il darba din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ressqet provi bizzejjed sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li hu hati tal-ewwel imputazzjoni.

Id-difiza tissottometti wkoll li l-Prosekuzzjoni naqset mid-dover taghha li tressaq l-ahjar prova f'dan il-kaz u cioe li tezebixxi l-flokk iswed li kien liebes l-imputat jew ghall-inqas tiehu ritratt tieghu. Din is-sottomissjoni tirrazzenta l-fieragh. Fl-ewwel lok mhux korrett dak li tghid id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha *"li l-allegat aggressur kien rikonoxxut biss minn tali dettal fil-flok".* PC 733 Spiteri kien car u konsistenti fix-xhieda tieghu, li hu kien ra wicc l-aggressur tieghu mill-faccata, u gharfu minn wiccu. Il-fatt li l-aggressur kien liebes flok iswed kien wiehed sekondarju. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li kien PC 733 li rrikonoxxa lill-imputat fil-pjazza u indikah lill-kollegi tieghu.

Fit-tieni lok, mhux kontestat li l-imputat kien liebes flokk iswed meta gie arrestat. Fil-fatt waqt il-kontro-ezami ta' PC 733, l-abbli difensur tal-imputat staqsieh *"Kont iktar serhan fil-mohh li taghraf lilu ghax kellu flokk iswed u taf li rajtu dan il-flokk"*[3] Apparti li PC 733 cahad li hu gharaf lill-imputat mill-flokk, imma insista li gharfu minn wiccu, PC 733 u WPC 133 qatt ma qalu li l-flokk iswed li kien liebes l-aggressur kellu xi disinn jew stampa distintiva partikolari fuqu – u f'dik l-eventwalita, kien ikien ikun opportun li dan il-flokk jigi ezebit. Pero flokk iswed minghajr xejn l-ebda disinn distint – jibqa' flokk iswed, li ma jistghax jigi identifikat ghajr ghall-kulur – u kif inghad m'hux kontestat li l-imputat kien liebes flokk iswed.

L-ahhar sottomissjoni tad-difiza hija li tenut kont tal-istatura tal-imputat, li fih persuna, mhix kompatibbli mal-ferita sofferta minn PC 733, li ghandu figura rqiqa, ghaliex likieku l-imputat kien l-aggressur, il-hsara fuq il-persuna ta' PC 733 kienet tkun hafna ikbar. Din il-Qorti m'ghandhix ezitazzjoni tghid li din l-asserzjoni hija semplicement wahda fierghha, u mhux se tahli hin tikkummenta fuqha.

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali li kien l-imputat li agredixxa lil PC 733, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Attakk fuq Ufficcjal Pubbliku</u>*

Biex jissussisti dan ir-reat taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Krimnali, irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi mnn servizz pubbliku (f'dan il-kaz il-pulizija), izda wkoll li dan l-attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u sjir fil-waqt li dik il-persuna <u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti</u>.[4]

Fil-kaz odjern, PC 733 zgur li kien qed imexxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi meta intervjena biex jittronka reat li kien qed jara li ser jigi kommess quddiemu stess *in flagrante* – cioe intervjena

[3] Ara fol. 59.
[4] Ara **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef Vincent De Gaetano) fit-12 ta' Settembru 1996.

biex jifred lin-nies milli ikomplu jiggieldu bejniethom. Ghalhekk, l-agir tal-imputat minn wiehed li jirrientra wkoll fl-ambitu tal-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.

Ghar-ragunijiet moghtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni u din ir-raguni, din it-tieni imputazzjoni giet ukoll debitament ippruvata.

*It-Tielet Imputazzjoni – Offiza ta' Natura Hafifa.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tissottometti li l-offiza mhux biss hija wahda ta' natura hafifa kif iccertifika u xehed it-tabib Dottor Anthony Mifsud, izda hija wahda ta' importanza zghira. Id-difiza donna nsiet li hija kienet ghamlet din id-domanda specifikatament lil tabib Dottor Mifsud fil-kontro-ezami:

*"Difiza: Ara nghidx sew, jekk nissugerilek li din il-kontuzjoni hija ta' importanza zghira medico-legalment, taqbel mieghi jew le?*
*Ix-xhud: Hija ta' natura hafifa.*
*Difiza: Qed nissugerilek daqsxejn iktar jien.*
*Ix-xhud: Medico-legalment hija hafifa."*[5]

Kull kumment iehor ta' din il-Qorti jkun superfluwu.

Ghalhekk anke din it-tielet imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Tfixkil lil Ufficjali Pubblici*

Mill-provi prodotti, din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

Bid-daqqa ta' ponn li tah, l-imputat fixkel lil PC 733 fil-qadi ta' dmirijietu u ndahal fid-dmirijiet tieghu.

In oltre mix-xhieda ta' WPC 313 jirrizulta li meta hi PC 733 u PC 1193 marru jkellmu lill-imputat fil-pjazza, hu kien ukoll aggressiv hafna maghhom,[6] tant li WPC 313 kellha ccempel

[5] Ara fol. 49 tal-process.
[6] Ara fol. 40 tal-process.

l-Ghassa taz-Zurrieq sabiex jibghatu Pulizija sabiex jassistuhom u jnizzluh l-Ghassa. Ghalhekk, bl-agir tieghu, l-imputat fixkel lil dawn l-ufficjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Il-Hames Imputazzjoni - Li kien fis-Sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu*

Ghalkemm fl-istqarrija, l-imputat ammetta li kien xorob disa' flixken birra, mill-provi ma jirrizulatax li l-imputat kien fis-sakra, wisq inqas li kien f'tali sakra li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu.

Ghalhekk l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

*Is-Sitt Imputazzjoni – Ksur tal-Bon Ordni*

Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju. Veru li WPC 313 Christine Micallef xehdet li waqt li kienu fil-pjazza, l-imputat kien aggressiv hafna maghha u mal-kollegi taghha, pero imkien ma tghid li beda jghajjat u jaghmel l-istorbju.

Ghalhekk, l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

*Ir-Recidiva*

Ghalkemm fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti, sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tittratta mal-imputata bhala persuna recidiva, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta f'dawn il-proceduri xi sentenza ta' kundanna tal-imputat fi proceduri kriminali.

Kif gie diversi drabi ritenut minn dawn il-Qrati, il-fedina penali tal-imputat hija relevanti ghal fini tal-ikkalibrar tal-piena, pero ma tikkostitwix l-ahjar prova tar-recidiva.

Konsegwentement, ir-recidiva ma gietx debitament ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-imputat instab hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Ghall-fini ta' piena l-ewwel, u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

Ir-raba' imputazzjoni hija wkoll assorbita fl-ewwel imputazzjoni ghal fini ta' piena, stante li hija ta' natura kontravenzjonali, ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda allarmanti. Huwa ghandu biss kundanna wahda minn dawn il-Qrati ghal ferita involontarja ta' natura hafifa.

Pero, jibqa l-fatt li r-reati kommessi mill-imputat huma ta' natura serja hafna. Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma' dak li irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ivan (John) Felice**, deciza fl-4 ta' Gunju 2002, u cioe illi:

*"Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija. Irrabjat kemm kien irrabjat l-appellant, jew anke jekk kien genwinament inkwetat dwar ibnu minhabba li ra xi tbengil fuq il-persuna tieghu, taht ebda cirkostanza ma jista' jigi skuzat ghal dak li ghamel. L-inkolumita` fizika tal-pulizija m'ghandiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbilzu c-cinga! F'dan il-kaz, ghalhekk, il-piena kellha tkun dik ta' prigunerija ... ..."*

L-istess gie retenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Angelo Abela** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[8] fil-21 ta' Jannar 2010:

---

[7] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[8] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Illi din il-Qorti diga kellha okkazjoni li ttenni li vjolenza uzata kontra l-forzi tal-ordni sija jekk ikunu membri tal-Korp tal-Pulizija, sija jekk ikunu wardens jew persuni ohra inkarigati minn servizz pubbliku ghandha tigi punita b'piena restrittiva tal-liberta.*

*Dan ghaliex kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi:*
*"Reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-persuni inkarikati minn servizz pubbliku kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi u ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w jikkondannaw dak li ma ghandux jigi ikkondonat b'pieni irrizorji." (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] u ohrajn.).*

Fil-kaz odjern, l-imputat uza forza attiva kiesah u biered, meta waqt li PC 733 kien qed jaqdi d-doveri tieghu u jferraq in-nies waqt glieda li nqalet, l-imputat qabad u, ghar-ragunijiet li jafhom hu biss, xejjirlu daqqa ta' ponn go wiccu, li kienet qawwija bizzejjed biex waqqaghlu n-nuccali u l-beritta.

Ghaldaqstant, dan kien attakk bla pretest u bla provokazzjoni kwalsiasi. B'rizultat tal-aggressjoni, PC 733 sofra ferita ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dottor Anthony Mifsud, konsistenti f'kontuzjoni fuq il-warda ta' wiccu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza issottomettiet illi l-familja tal-imputat tiddependi mix-xoghol tieghu, u kwindi permezz ta' sentenza ta' habs effettiv, ma jkunx ser jintlahaq l-bilanc bejn il-protezzjoni tas-socjeta u l-familja tal-imputat. Frankament, l-imputat missu ha in konsiderazzjoni l-konsegwenzi fuq il-familja tieghu, qabel ikkometta r-reati li ikkommetta. Bir-ragunament tad-difiza, piena karcerarja effettiva ma tista' tigi qatt inflitta minn dawn il-Qrati, ghaliex fil-maggoranza assoluta tal-kazijiet din se tikkrea b'xi mod jew iehor, pregudizzju lill-familja tal-imputat.

Fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq citat, u ikkunsidrati l-fattispecje tal-kaz odjern, l-imposizzjoni ta' sentenza sospiza mhix hlas bizzejjed ghal min, minghajr raguni gusta, juza l-vjolenza fizika kontra persuna ohra, iktar u iktar meta din il-persuna tkun ufficjal inkarigati mis-servizz pubbliku li qed jipprova jaqdi id-doveri tieghu.

Il-qrati tal-gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika, bhalma gara fil-kaz odjern (ara wkoll **Il-Pulizija vs Peter Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[9] fid-29 ta' Jannar 2015 u **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[10] fit-30 ta' Lulju 2004.) Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-opinjoni li huwa d-dover taghha li tghaddi l-messagg ta' determinazzjoni u severita kontra min, ghal xejn b'xejn, jinfexx fi vjolenza kontra persuni ohra, aktar u aktar kontra persuni inkarigati mis-servizz pubbliku waqt il-qadi tad-doveri taghhom. Din il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni *"the chilling effect"* li tali vjolenza jkollha fuq l-Ufficjal tal-Pulizija in kwistjoni, u fuq persuni ohra inkarigati mis-servizz pubbliku, li jigu aggrediti semplicement ghaliex ikunu qed jaqdu d-doveri taghhom.

Issa skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, fil-kaz odjern il-piena applikabbli hija il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef Euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef Euro (€10,000).

Il-Qorti tosserva li l-legislatur tant jikkonsidra reati gravi reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali li l-Artikolu 99A(2) jippreskrivi illi *"(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' kull persuna ħatja ta' reat taħt dan is-subtitolu."*

Tenut kont li l-imputat m'ghandux fedina penali raffrettarja, din il-Qorti se tinfliggi piena ta' prigunerija u multa fil-minimu permessibbli skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat mhux hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom;

[9] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[10] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

2. issib lill-imputat mhux hati li hu recidiv, u qed tilliberah minn din l-imputazzjoni;

3. wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 221(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u ghal piena ta' hlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hmistax-il Euro (€115.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' PC 733 Leander Spiteri, qieghda torbot lill-hati li ghal zmien sena (1) mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmollestja lil PC 733 Leander Spiteri, u dan b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2000.00).

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**